



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 8 ta' Ġunju 2012 (19.06)
(OR. en)**

10306/12

**Fajl Interistituzzjonali:
2012/0112 (NLE)**

**ANTIDUMPING 27
COMER 108**

NOTA PUNT "I/A"

minn: Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Kummerċjali

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill

Nru prop. Cion: 10305/12 ANTIDUMPING 26 COMER 107 + REV 1 (en)

Suġġett: **Antidumping**
Proposta għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 954/2006 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw fil-Kroazja, fir-Rumanija, fir-Russja u fl-Ukraina

1. Fit-22 ta' Mejju 2012, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq għal Regolament ta' Implimentazzjoni lil Kunsill, li hu mitlub jieħu deċiżjoni dwarha kemm jista' jkun malajr.
2. Id-delegazzjonijiet ġew ikkonsultati (ara CM 3137/12 tal-24 ta' Mejju 2012) u kollha qablu dwar din il-proposta.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2, laqgħa fl-20 ta' Ġunju) huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda li, bħala punt "A" fuq l-aġenda għal-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Ġunju 2012, il-Kunsill jadotta r-Regolament ta' Implimentazzjoni kif iffinalizzat mill-Ġuristi-Lingwisti u mniżżel fid-dokument 10307/12 ANTIDUMPING 28 COMER 109.

4. Ladarba adottat, ir-Regolament ser jiġi ppublikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-26 ta' Ġunju 2012 u ser jidħol fis-seħħ il-ġurnata ta' wara.
